MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2004

Citazzjoni Numru. 1966/2000/1

**Peter Montebello.**

**-vs-**

**Cranes & Commercial Plant Sales Limited gia' maghrufa bhala J Cassar Commercial Plant Sales Limited u precedentement maghrufa bhala Joseph Cassar Auto Parts Limited.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fil-25 ta' Settembru 2000, li permezz taghha l-attur ppremetta:

1. Illi l-attur dahal b'negozju mas-socjeta' konvenuta fejn din obbligat ruhha illi tbieghli gaffa mudell FIAT ELLIES 645B numru ta' Registrazzjoni LAC 214 versu l-prezz ta' hamest elef u hames mitt Lira Maltin (Lm5,500) li ghall-pagament ta' liema prezz gew accettati xi kambjali mill-attur bhala garanzija u saru anke xi

pagamenti akkont fl-ammont ta' hamest elef u hames mitt Lira Maltin (Lm5,500); jigi senjalat ghall-attenzjoni tal-Qorti illi hemm Appell pendenti minn sentenza fuq il-kambjala accettata mill-attur fl-ismijiet "Cranes and Commercial Plant Sales Limited, gia' maghrufa bhala J Cassar Commercial Plant Sales Limited", Cit. Nru. 344/98 u precedentement maghrufa bhal Joseph Cassar Auto Parts Limited liema sentenza inghatat wara procediment.

2. Illi s-socjeta' konvenuta naqset minn diversi obbligi taghha taht il-ftehim fosthom illi isir it-trasfer relattiva mal-awtoritajiet, illi jinghata number plate tal-vettura ghaliex din kienet u baqghet garaged u l-esponent in kwantu ma mhux fuq ismu ma jista' jaghmel xejn biex johrogha; is-socjeta' konvenuta naqset ukoll milli tforni lill-atturi bid-dokumentazzjoni fiskali relattiva u fuq kollox l-esponent sofra d-danni kontratwali minhabba li ma setghax mis-sena 1996 jaghmel uzu minn dan il-makkinarju ghall-iskopijiet tan-negozju tieghu ta' excavation.

3. Illi s-socjeta' konvenuta giet kemm-il darba avvicinata bonarjament u anke ufficjalment interpellata permezz ta' ittra ufficjali tal-15 ta' Mejju 2000, izda inutilment.

Ghalhekk jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabhiex fi zmien qasir u perentorju teffettwa ma' l-awtoritajiet kompetenti it-transfer relattiv tal-gaffa, taghmel dak kollu li hu mehtieg sabiex l-attur n-number plates f'idejh tal-gaffa u dan jinkludi l-hlas tal-arretrati kollha tal-licenzja, praevja verifika tac-chassis u engine number.

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi s-socjeta' konvenuta ghar-ragunijiet fuq premessi ikkawzat danni lill-attur konsistenti fit-telf ta' xoghol.

3. Tillikwida tali danni hekk ikkawzati.

4. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lill-attur id-danni hekk likwidati.

Bl-imghax mid-data tal-konkluzjoni tal-bejgh u bir-riserva ta' kull azzjoni fil-ligi u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra bonarja tas-7 ta' Lulju 2000 u ta' l-ittra ufficjali tal-15 ta' Mejju 2000; il-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet pprezentata fid-19 ta' Gunju 2001 li permezz taghha s-socjeta' konvenuta eccepew:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, stante illi s-socjeta' konvenuta qatt ma impediet lill-attur milli jersaq ghat-trasferiment tar-registrazzjoni tal-gaffa mibjugha.

2. Illi kien il-konvenut li naqas milli jersaq ghat-trasferiment tal-gaffa lilu mibjugha, liema nuqqas kien probabbli dovut ghall-fatt illi naqas li jhallas il-prezz miftiehem lis-socjeta' konvenuta.

3. Illi l-attur ma bata' ebda danni stante illi huwa hadem regolarment bil-gaffa.

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, fi kwalsiasi kaz, jekk l-attur sofra danni, dan kien dovut ghan-nuqqas tieghu li jersaq ghat-trasferiment tar-registrazzjoni u li jhallas il-prezz miftiehem.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' konvenuta mahlufa minn Joseph Cassar ID 21656(G) u l-lista tax-xhieda.

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta' Marzu 2004 li permezz tieghu il-kawza thalliet ghas-sentenza fuq l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-attur.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat.

Illi l-attur qed jeccepixxi l-improponibilita' tal-kontro talba u l-eccezzjoni tal-gudikat ghall-istess kontro talba.

Il-fatti illi pprecedew il-kawza kienu dawn. Il-konvenuti kienu fethu azzjoni kambjarja kontra l-attur li giet deciza kontra taghhom mill-Qorti tal-Appell. Il-Qorti tal-Appell fil-fatt illiberat mill-konvenut mill-osservanza tal-gudizzju. Eventwalment infethet din il-kawza fejn l-attur qed jitlob li l-konvenuti jigu ordnati jersqu ghat-trasferiment ta' gaffa. Il-konvenuti irrispondew b'kontro talba fejn qed jitolbu l-hlas ta' prezz ta' ingenji u parts. Mhux indikat jekk l-ingenji in kwistjoni tinkludix il-gaffa in kwistjoni tinkludix il-gaffa in kwistjoni.

Rigward l-eccezzjoni tal-gudikat ghandhu jinghad illi fi kliem il-Qorti tal-Appell fil-kawza Gerada vs Caruana deciza fis-7 ta' Marzu 1958:

*L-eccezzjoni tal-gudikat ghandha tigi ammessa b'cirkospezzjoni kbira u dan aktar u aktar meta dik l-eccezzjoni jkollha effett li teskludi xi dritt…biex ikun hemm lok ghal eccezzjoni ta-gudikat hemm bzonn li l-kwistjoni tkun giet effettivament deciza bis-sentenza ta' qabel u mhux biss li setghet giet deciza.*

In effetti is-sentenza tal-Qorti tal-Appell citata mill-attur ma iddeciditx il-kawza fuq il-meritu izda illiberat lill-konvenut (l-attur f'din il-kawza) mill-osservanza tal-gudizzju. Ma kienx hemm akkoljiment jew cahda tat-talba attrici u f'kull kaz il-

mertu tal-kawza kien ukoll differenti anke jekk jista' jkun li kienu qed jintalbu l-istess flus. Dan ghaliex l-azzjoni kienet wahda kambjarja li zgur li ghandha parametri u regoli ghaliha biss. Ghalhekk l-eccezzjoni tal-gudikat qed tigi respinta.

Kwantu ghall-eccezzjoni li l-azzjoni tal-konvenut mhijiex proponibbli, kif qal l-istess attur fin-nota tieghu l-artiklu 396 b jinkludi t-tpacija eventwali bhala wahda mill-eventwalijiet ghal kontro talba. L-iskop ta' dan l-artiklu hu li jigu limitati l-kawza bejn l-istess partijiet. F'dan il-kaz specjalment jidher li l-konvenuti qed jallegaw li l-attur ma hallasx il-prezz ghall-gaffa in kwistjoni u mill-assjem tal-atti processwali il-Qorti konvinta li z-zewg azzjonijiet tal-partijiet huma konnessi.

**Ghal dawn il-mottivi il-Qorti tichad l-ewwel zewg azzjonijiet tal-attur ghall-kontro talba tal-konvenuti u tordna l-kontinwazzjoni tal-kawza. Spejjes riservati ghall-gudizzju finali.**

**Moqrija.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------